## QORTI ĊIVILI
## PRIM'AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### ROBERT G. MANGION

### ILLUM 17 TA' DIĊEMBRU 2020

**Rikors Revoka nru. 763/20RGM**

**Rikors Revoka prezentat mis-sekwestrata Truevo Payments Ltd fis-27 ta' Awissu 2020 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru. 970/20 fl-ismijiet:-**

**Instacoins Ltd**

**Vs**

**Truevo Payments Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Instacoins Ltd** ipprezentat fis-27 ta' Awissu 2020 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi senjatament ghaliex il-kawza fil-mertu ma gietx ipprezentata entro t-terminu stabbilit fil-ligi; talbet ukoll illi s-socjeta' sekwestranti tigi kkundannat thallas penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) tal-Kap. 12; u li fin-nuqqas li l-ewwel talba tigi akkolta, sabiex il-Qorti tordna lis-sekwestranti taghti

garanzija xierqa ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap in kawtela tad-danni u fin-nuqqas li tottempera ruhha thassar il-mandat.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru 2020 li permezz tieghu ordnat in-notifika u tat lis-socjeta' intimata sebat ijiem min-notifika sabiex tipprezenta risposta.

Rat illi s-socjeta' sekwestranti damet sabiex giet notifikata nonostane li saru diversi tentativi.

Rat ir-**risposta tas-sekwestranti Instacoins Ltd** tal-11 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed topponi ghar-rikors imsemmi.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

**Fatt Antecedenti dawn il-Proceduri**.

Fit-29 ta' Lulju 2020 is-socjeta' Instacoins Ltd talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/20 kontra s-socjeta' Truevo Payments Ltd sabiex tikkawtela pretensjoni li ghandha fis-somma ta' €157,438.49 u bhala kawzali indikat "Is-sorte jirraprezenta 'rolling service' ossia ammont partenenti lis-socjeta' sekwestranti li gie approprjat abbuzivament u minghajr ebda jedd legali mis-socjeta' sekwestrata wara li s-socjeta' sekwestrata tterminat unilateralment il-Merchant Agreement ta' bejn il-kontendenti fit-3 ta' Jannar 2020, oltre fees mensili mehuda abbuzivament u minghajr ebda jedd legali.

Sussegwentement, precizament fis-27 ta' Awissu 2020 is-socjeta' sekwestranti intavolat il-kawza fil-mertu.

Is-socjeta' sekwestrata tikkontendi illi l-mandat de quo ghandu jigi revokat in kwantu s-socjeta' sekwestranti ma pprezentatx il-kawza fil-mertu entro l-20 jum mill-hrug tal-mandat kif titlob il-ligi.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**.

**Nuqqas ta' Osservanza tat-Terminu Legali**.

Ir-rikors in dizamina gie msejjes fuq **artikolu 836 (1) (a) u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi li att kawtelatorju jista' jigi mhassar b'digriet tal-Qorti kompetenti *inter alia*, jekk (a) l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh; u (f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

**Artikolu 843 (1) u (2) tal-Kap 12** jipprovdi illi:

> (1) Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat.
>
> (2) Jekk is-sekwestrant jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha.

Ghandu fl-ewwel lok jigi sottolineat illi jkun xi jkun l-ezitu ta' din il-procedura, bl-ebda mod m'ghandu jitqies li qed jinghata xi gudizzju dwar il-mertu tal-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'kazijiet bhal dak odjern huwa pjuttost wiehed formali fejn il-Qorti tikkonstata iz-zmien li ghadda bejn id-data tal-hrug tal-mandat kawtelatorju u d-data ta' meta giet ipprezenta l-kawza. Jekk jirrizulta illi meta l-kawza giet ipprezenta t-terminu ta' ghoxrin jum mid-digriet tal-mandat kawtelatorju kien gia' ghadda, allura ghandu jirrizulta sodisfacentement illi hemm raguni sabiex il-Qorti tikkonsidra li l-mandat m'ghadux fis-sehh u li ghalhekk ghandu jigi revokat, sakemm kif tipprovdi l-istess ligi, ma tingiebx il-quddiem raguni tajba ghaliex il-kawza ma gietx ipprezentata jew inkella ghaliex il-kawza giet intavolta wara l-iskadenza tal-ghoxrien jum imsemmi.

In tema legali ssir referenza ghal digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd u Elaine Sant Galea vs Market Handle Limited u Celine Lee Bentley** (30 ta' Dicembru 2011,Rikors Numru 1067/2011 (JRM)) fejn intqal kif gej dwar Artikolu 836 (1) (a):

"Din id-disposizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares b'dak il-Mandat. Jekk min johrog Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni mehtiega fiz-zmien moghti mil-ligi, il-Mandat jaqa' hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hija normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba ghat-thassir tal-Mandat b'semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le."

Fl-istess digriet il-Qorti irriteniet ukoll illi:-

"..... jidher li f'għajnejn il-liġi, il-ħtieġa li l-kawża titressaq fiż-żmien preskritt wara li jinħareġ il-Mandat kawtelatorju, hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependix mill-mottivi jew miċ-ċirkostanzi partikolari tal-parti eżekutanti. Huwa biss bil-kunsens u l-qbil tal-parti eżekutata li ż-żmien biex titressaq il-kawża jista' jitwal."

Peress li s-sub inciz 2 tal-Artikolu 843 jsemmi "minghajr raguni tajba" wiehed ghandu logikament jiddeduci illi talba ghar-revoka ma tintlaqax jekk is-sekwestrant igib 'il quddiem raguni ghan-non osservanza tat-terminu legali li l-Qorti tqis fic-cirkostanzi bhala wahda tajba.

Jrrizulta mill-atti, u mhux ikkontestat. illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/20 inhareg b'digriet tad-29 ta' Lulju 2020 u ghalhekk it-terminu ta' ghoxrin jum li fih il-kawza fil-mertu kellha tigi intavolata kien jaghlaq fit-18 ta' Awissu 2020. Il-kawza giet intavolata fis-27 ta' Awissu 2020.

Is-socjeta' sekwestranti intimata f'dawn il-proceduri ma taghti l-ebda raguni ghaliex it-terminu legali ma giex rispettat. Tissottometti s-socjeta' sekwestranti illi l-Qorti m'ghandiex tirrevoka l-mandat peress li t-terminu legali inqabes biss bi ftit jiem. Tissottometti wkoll illi l-Artikolu 836 (1) (a) huwa intiz mhux sabiex jindirizza

kazijiet bhal dawk in ezami izda qed tirreferi ghal meta jinhareg mandat kawtelatorju u s-sekwestrant jibqa' ma jsegwix b'kawza u lanqas jirtira l-mandat.

Huwa minnu illi n-nuqqas ta' min jipprezenta kawza ftit jiem wara li jkun ghalaq it-terminu ta' ghoxrin jum mid-digriet li jordna l-hrug ta' mandat kawtelatorju mhux ta' l-istess gravita' bhal meta, wara li jinhareg mandat kawtelatorju, l-ezekutant ma jipprocediex sabiex jintavola kawza u lanqas jirtira l-istess mandat. Pero' dak li qed tissottometti s-socjeta' intimata ma jsibx konfort fil-ligi.

**Artikolu 843 tal-Kap 12** ma jaghti lok ghal ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tieghu. Sub-inciz 1 jipprovdi tassattivament li rikorrent f'mandat kawtelatorju **"ghandu"** jintavola l-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat u dan **fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat**. Tenut kont li l-ligi ta' procedura hija ligi ta' ordni publiku, mhux konsentit illi tinghata interpretazzjoni wiesgha. Ghall-kuntrarju, hija regolata b'interpretazzjoni stretta in konformita' ma dak espress mill-Legislatur, anke ghaliex ligijiet ta' ordni publiku jaspiraw lejn l-uniformita' fl-applikazzjoni tal-ligi bhal dik li tirregola l-procedura gudizzjarja.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi una volta l-kawza ma gietx ipprezentata entro t-terminu ta' ghoxrin jum minghajr ma s-sekwestranti resqet raguni tjaba, l-effetti tal-mandat waqfu u konsegwenteent ser tilqa' l-ewwel talba fir-rikors u tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/20.

**Penali**.

Fit-tieni talba taghha s-socjeta' rikorrenti qed titlob mhux biss ir-revoka tal-mandat izda wkoll li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti thallas penali fil-massimu taghha ta' mhux izjed minn €6,988.12 ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) tal-Kap. 12.

**Artikolu 836 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

> (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> (a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;
>
> - omissis -
>
> (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenineuro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;

Is-sub inciz 2 tal-Artikolu 843 jipprovdi sanzjoni fl-eventwalita' fost l-ohrajn li l-kawza ma tigix ipprezentata fit-terminu stabbilit fil-ligi u dan minghajr raguni valida.

Isegwi minn dan is-sub inciz illi una volta pprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju, mhux f'kull kaz hemm l-obbligu li tigi eventwalment ipprezentata kawza bhal per ezempju jekk fil-mori tat-terminu ta' ghoxrin jum il-partijiet jitransigu; jew inkella jifthu process ta' medjazzjoni u flimkien jitolbu estensjoni tat-terminu. F'kazijiet bhal dawk appena imsemmija ikun hemm raguni tajba ghaliex is-sekwestrant ma jipprezentax kawza fi zmien ghoxrin jum u ghalhekk ma jkunx responsabbli ghall-ebda penali. Pero' kif rajna supra fil-kaz odjern is-socjeta'

intimata ma resqet l-ebda raguni tajba ghaliex il-kawza ma gietxipprezentata entro t-terminu ta' ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat.

Is-socjeta' intimata issottomettiet illi huwa biss fejn sekwestrant jibqa' ma jipprezentax il-kawza anke wara li jiskadi t-terminu legali li jkun passibbli ghall-penali. Tissottometti wkoll illi gialadarba ipprezentat il-kawza, m'ghandiex titqies li naqset u dan b'applikazzjoni tal-principju tal-*jus superveniens*. Fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg sottomissjonijiet ghandhom mill-fieragh. L-unika mod sabiex il-Qorti tqis li sekwestrant ma hux passibbli ghall-penali kontemplat fis-sub inciz 8 tal-Artikolu 836 huwa li jressaq 'il quddiem ir-raguni ghad-dewmien li l-Qorti tqis li tikwalifika bhala raguni tajba. Is-socjeta' intimata ghazlet li ma taghmel xejn minn dan u l-Qorti tikkonkludi fir-rigward illi dan m'ghamlitux ghaliex ma kellha l-ebda raguni valida xi tressaq. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex ma ssibx lis-socjeta' sekwestranti responsabbli ghall-penali kontemplata fil-ligi.

Stabbilit illi ma tresqet l-ebda raguni valida ghaliex it-terminu statutorju ma giex skrupolozament osservat; u stabbilit illi l-kawza ma gietx ipprezentata fiz-zmien stabbilit mil-ligi, isegwi illi jirrizultaw l-estremi sabiex il-Qorti timponi l-penali kontemplata fis-sub inciz 8 tal-Artikolu 836 fuq citat.

Fil-fehma tal-Qorti jekk jirrizulta illi l-kawza ma gietx ipprezentata fit-terminu legali minghajr ebda raguni tajba, id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti ma hiex jekk tordnax jew le penali izda biss jekk tordnax il-minimu, jew il-massimu jew ammont x'imkien bejn il-minimu u l-massimu. Una volta jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 836 (8) (a) id-diskrezzjoni tal-Qorti tinstab biss fil-*quantum* tal-penali li l-Qorti ghandha timponi.

Is-socjeta' rikorrenti sekwestrata qed titlob permezz tat-tieni talba taghha li l-Qorti timponi l-massimu tal-penali fl-ammont ta' €6,988.12.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi ghandha timponi l-massimu u dan peress li rrizulta illi l-kawza fil-fatt giet ipprezentata mhux wisq wara li skada t-terminu legali. Il-kawza giet ipprezentata disat ijiem tard. Huwa minnu li l-penali hija

imposta sabiex tassigura li minn jitlob u jottjeni il-hrug ta' mandat kawtelatorju jipprocedi minnufih sabiex jiddeduci l-pretensjoni issa kawtelata b'mandat kawtelatojru b'kawza.  Tajjeb jinghad illi fil-maggoranza taghhom il-mandati kawtelatorji jinhargu semplicement fuq talba guramentata tal-ezekutant minghajr l-ebda indagini mill-Qorti dwar il-fondatezza imqar prima facie tal-pretensjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, mehud in konsiderazzjoni il-fatti specie tal-kaz partikolari hija tal-fehma illi ghndha timponi l-minimu tal-penali u mhux il-massimu kif qed titlob ir-rikorrenti;  tenut kont illi l-kawza eventwalment giet ipprezenta mhux wisq wara l-iskadenza tat-terminu legali.  .

Ghalhekk il-Qorti fic-cirkostanzi ser timponi l-minimu tal-penali kontemplata fil-ligi.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors tas-27 ta' Awissu 2020 kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba, thassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/2020 tad-29 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 836 (1) (a) u ai termini tal-Artikolu 843 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' in parte t-tieni talba, tikkundanna lis-socjeta' intimata sekwestranti thallas lis-socjeta' rikorrenti sekwestrata l-penali minimu fl-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(€1,164.69) ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna li jinhareg l-opportun kontro-mandat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Moghti kameralment illum 17 ta' Dicembru 2020.**

**Onor.Imhallef Robert G. Mangion**